MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Numru 19/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Sergii Nykytiuk**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 19 tas-sena 2011 kontra l-akkuzat Sergii Nykytiuk li bih :

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi matul il-lejl ta' bejn it-tmienja (8) u d-disgha (9) ta' Novembru tas-sena 2009, l-akkuzat Sergii Nykytiuk kellu glieda ma martu Liudmyla Nykytiuk gewwa l-blokk ta' apartamenti fejn kienu jirrisjedu bl-indirizz Martin Flats, Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar. Illi f'dan il-blokk ta' appartamenti kien hemm mahsub li jsir lift u ghal dan il-ghan kien gie mibni xaft.

Illi l-konsegwenza ta' din il-glieda u argument bejniethom l-akkuzat gera wara Liudmyla Nykytiuk fl-indana ta' dan l-

blokk ta’ appartamenti. Gara li waqt li Liudmyla Nykytiuk kienet qeda tipprova tahrab minn zewgha l-akkuzat, waqghet diversi sulari f’dan x’xaft tal-lift.

Illi Liudmyla Nykytiuk sfat feruta serjament, u kellha bzonn ghajnuna u assistenza. Illi l-akkuzat Sergii Nykytiuk zewgt Liudmyla Nykytiuk, ghalkemm semghaha tokrob bl-ugiegh, minflokk gab ghajununa jew ta assistenza lil martu li setgha ssalvalha hajjitha, ghazel li dolozament, bil-hsieb li joqtol lill-istess martu jew li ippogiela hajita f’periklu car abanduna lil martu fil-qiegh nett ta’ dan ix-xaft u hallieha hemm wahidha. Illi wara diversi sieghat twal tbaghti b’ugieh kbir u bil-feriti li garbet, mart l-akkuzat mietet mewta pprolongata wahdiha.

Illi b’għemilu l-imsemmi akkuzat Sergii Nykytiuk, sar ħati ta’ omiċidju volontarju u ċioe’ talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f’periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Sergii Nykytiuk, ħati ta’ omiċidju volontarju u ċioe’ talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f’periklu ċar, ikkaġuna l-mewt ta’ martu Liudmyla Nykytiuk; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal għomru biż-żieda tar-reklużjoni skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 211 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b’sebgha (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Sergii Nykytiuk **hati** tal-Att tal-Akkuza

Tiddikjara ghalhekk lil Sergii Nykytiuk hati talli matul il-lejl ta’ bejn it-8 u d-9 ta’ Novembru, 2009, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja

taghha f'periklu car, ikkaguna l-mewt ta' martu Liudmyla Nykytiuk.

Rat il-fedina penali tal-hati.
Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 211 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati **Sergii Nykytiuk** ghall-piena komplessiva ta' hamsa w ghoxrin (25) snin prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' tnax-il elf, tlett mija w sitta w tmenin Euro w wiehed u tmenin centezmi (€12,386.81), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

F'kaz li l-ispejjez ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------